# 19. Il-Ħajt f’Wied il-Buskett

Ixħeb il-ħajt u ikreh
ma’ tulu ġewwa l-wied;
kemm ilu jżomm it-torba
imtela kollu swied,

Ħażiż, u tajn u ħdura
ta’ ħass u ilma magħqud,
u sar id-dejr li jixraq
lill-bugħarwien u d-dud.

’Mma l-ġmiel għandu kull sena
xi ħaġa wkoll għalih,
u erħilu kemm jiddandan,
avolja ikreh u xiħ!

Fil-fruq ta’ bejn il-ġebel
mingħajr tikħil, fejn tbid,
l-ingliża toħroġ tħaddar
bil-fjur u l-ħaxix ġdid;

U l-ħajt isir gwarniċi
ħodor li jdawru s-swied,
gwarniċ wieħed fuq l-ieħor
sakemm itul il-wied;

U f’kull gwarniċ indana
trombetti fuq xulxin,
idoqqu d-daqqa s-safra
tal-fjuri dehbenin!